MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 3020/2002

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Rosaria Vella**

**vs**

**Christopher Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija erbgha u tletin Liri Maltin u erbatax –il centezmu (Lm634.14), rapprezentanti rizarciment ta' danni rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh fl-Iklin nhar is-27 ta' Jannar 2002 meta waqt il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura FAV571 habat mall-vettura LUC152 misjuqa minn Rosaria Vella, ghal liema incident il-konvenut kien unikament

responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inossevanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata ma' l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Christopher Vella in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija erbgha u tletin Liri Maltin u erbatax –il centezmu (Lm634.14), bl-imghax pagabbli mis-16 ta' Settembru 2002 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata ma' l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenu,t ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------